.
Minuti tat-tmienja u erbgħin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2012 fis-7.30 ta' fil-għaxija. F'din il-laqgħa tkompliet l-Aġenda tal-laqgħa numru sitta u erbgħin li ma ġietx eżawrita fil-laqgħa numru sebgħa u erbgħin.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Tender għal provision u nstallazzjoni tal-Playing Field Equipment - Tender 03/2012.**

2278 Preżenti għal din l-laqgħa kien hemm il-perit Edwrd Scerri.

It-tenders li nxeħtu kienu:

**Tender 03 / 2012**
**Tender for the Provision & Installation of Playing Field Equipment**

**Closing date 11th May 2012**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 | J. Portelli Projects | €34,983.16c |
| 2 | 240 Ltd. | € 69,391.96 |
| 3 | JGC Ltd. | € 44,789.85c (Opt. 1) |
| 4 | ALHAG Ltd. | € 24,968.95c |
| | Other options for item four | |
| | Uniplay IPEX | €15,395 |
| | Uniplay Ossion | €14,912 |
| | Agito Carpe | €23,713 |

SANNAT

| | | |
|---|---|---|
| | Uniplay Cumber | €30,628 |
| 5 | Opal | €44,637 (Opti 1)<br>€48,371 (Opti 2)<br>€27,091 (Opti 3)<br>€30,626 (Opti 4) |

Wara li l-Kunsill ra t-tenders ġie nnutat li bħala ċertifikazzjoni minn playing field enġineer kien hemm dik ta' ALHAG Ltd. biss. Portelli Projects bħal dokumentazzjoni ma kellux specifications fid-dettal. Dawk ta' OPAL u ALHAG Ltd. kienu jintlaħqu mill-budget tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li kiteb lill OPAL Ltd. sa biex jagħtu l-engineer report, garanzija li s-safe surface kwotat kien ittestjat skont EN 1177 u l-items kwotati huma covered with a warrenty covering tal-items li huma imniżla fi klawsola D. 8.

2279 *(para. 2667)* Inbeda x-xogħol fuq il-pavimentar bil-*profido slabs* tal-ispazju ħdejn l-uffiċċju amministrattiv il-ġdid mill-kuntrattur J. Portelli Projects.

**Item 2. Kwotazzjonijiet tal-Għammara**

2280 Il-Perit Scerri li kien preżenti għal laqgħa, ippreżenta r-rapport dwar il-kwotazzjonijiet tal-għammara li kien hemm.

**Quotation FUR-01/2012**
**Schedule of Quotations for the manufacture of reception desk and reception wall unit for new Sannat Local Council Offices at Triq Sannat**

Dak ta' George Zammit Option A u Option B kienu l-irħas għal prezz ta' €1,910 u €2,157 rispettivament. Il-kuntrattur għandu jiġi mitlub jagħmel spjegazzjoni bil-miktub li l-prezz indikat jirreferi fil-kwotazzjoni jirreferi għal reception desk u r-reception wall unit li hemm speċifikat fid-drawings reception units. Hu għandu jiġi mitlub jippreżenta *samples* tal-materjal, tal-kulur u tal-fittings.

2281 **Quotation FUR-02-/2012**
**Schedule of Quotations for the manufacture of new office desks for new Sannat Local Council offices at Triq Sannat**

Dik ta' George Zammit Option A kienet l-irħas waħda għal prezz ta' €1,011. Il-kuntrattur għandu jiġi mitlub jippreżenta *samples* tal-materjal, tal-kulur u tal-fittings.

2282 **Schedule of Quotations**

**Quotation FUR-05/2012**
**Schedule of Quotations for the manufacture of kitchen units for new Sannat Local Council Offices at Triq Sannat**

Dik ta' J. Zammit Woodworks kienet l-irħas waħda għal prezz ta' €1,552. Il-kuntrattur għandu jiġi mitlub jippreżenta *samples* tal-materjal, tal-kulur u tal-fittings.

2283 **Quotation FUR-03/2012**
**Schedule of Quotations for the Manufacture of new wall units for new Sannat Local Council offices at Triq Sannat**

Rigward din il-perti qali li jkun aħjar li din terga' tinħareġ għaliex fl-ispeċifikazzjonijiet li kien hemm għaliex ma kinitx ċara.

2284 **Quotation FUR-04/2012**
**Schedule of Quotations for the manufacture of archiving wall units for new Sannat Local Council Offices at Triq Sannat**

Rigward din il-kwotazzjoni George Zammit, dan għamel ir-rata u t-total bl-istess ammont ta' €2,485 f'*option* 1, kif ukoll fuq *option 2* fejn għamel ir-rata u t-total bl-istess ammont ta' €2,902. F'dan il-każ il-perit qal li dawn jittieħdu għal darbtejn skont ir-rata u għalhekk jiġu €4,970 u €5,804 rispetivament. L-istess kien fil-każ ta' Peter Attard, dan ma għamilx ir-rata. Hu rrakomanda dik ta' Andy Refalo għal prezz ta' €2,800. Hu għandu jiġi mitlub jippreżenta *samples* tal-materjal, tal-kulur u tal-fittings.

**Item 3. Tender għall-formazzjoni ta' Paved Area fi Triq Skerla - Tender 01/2012.**

2285 Infetħu t-tenders li kienu ħamsa:

**Tender No. 01/2012**

**Tender for the Formation of Paved Area at Triq Skerla in Sannat.**

**Closing date 18th May 2012 at 12.00 p.m.**

| No. | Contractor | Porfido | Monsarato Volcanico | Monolithic |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Joseph Mercieca | € 39,721.48 | € 32,323.48 | € 22,408.48 |
| 2 | J. Portelli Projects | € 39,807.73 | € 29,603.33 | € 19,552.33 |
| 3 | Joseph Zammit | € 52,228.36 | € 39,796.36 | € 19,166.36 |
| 4 | Pius Attard | € 68,266.60 | € 20,266.40 | € 21,364.20 |
| 5 | Bugeja Bros.1 | € 42,415.70 | € 37,195.70 | € 22,435.70 |

Il-perit għandu jagħmel rapport ta' evalwazzjoni rigward dawn it-Tenders.

SANNAT

**Item 4. Laqgħa mal-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd.**

2286 Għal din il-laqgħa ġie l-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. biex jitkellem mal-Kunsill rigward ir-resurfacing tat-toroq bl-iskema tal-PPP. Il-kuntrattur ġie mitlub jirrevedi r-rati tat-tender li kien xeħet tal-PPP sabiex isiru t-tlett toroq bit-tarmac għaliex kienu għoljin ħafna. Il-kuntrattur qal li d-diesel għola u ma jistax ibaxxi r-rati. Hu qal li ser jara sewwa r-rati biex jikkunsidra jekk jistax iraħħas xi ħaġa.

2287 Rigward it-tender tal-Bidwi Park, il-Paying Agency infurmawna lid-Dipartiment tal-Kuntratti qallhom illi jekk il-perit jitħallas il-persentaġġ tiegħu direttament mingħand il-kuntrattur mhix problema. Dan bil-kundizzjoni li l-Perit/Technical Consultant ikun jirrispondi direttament lejn il-Kunsill biss.

2288 Waqt din l-istess laqgħa l-kuntrattur semma l-kont li kien bagħat lill-Kunsill ta' €38,724.71ċ tax-xogħol tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq Ras in-Newwiela taħt Measure 323. Il-perit qallu li ser jaħdmu. Dwar dan il-perit qal li dak hu l-kejl tal-kuntrattur u mhux tiegħu u huwa ser jimxi fuq il-kejl li jagħmel hu u mhux tal-kuntrattur. Il-perit ġibet l-attenzjoni tal-kuntrattur li qed jinxeħet ħafna terrrapien u irid jitneħħa.

2289 Il-kuntrattur semma r-resurfacing li kien sar fi Triq il-Blat u Triq Vincenzo Caruana Spiteri. Is-Segretarju nfurmaħ illi l-Kunsilliera jridu jagħmlu mozzjoni skond l-ittra tal-Avukat tal-Kunsill fejn l-ewwel jikkundanaw dak li sar u wara japprovaw dan ix-xogħol li sar mingħajr l-approvazzjoni ta' ħadd.

2290 Is-Segretarju ġibded l-attenzjoni tal-kuntrattur rigward il-bini tal-ħajt tas-sejieħ li nbena mingħajr awtorizazzjoni tal-Kunsill fejn jappartjeni l-proġett tal-Bidwi Park. Il-kuntrattur, Mario Gatt ta' Gatt Tamac Ltd. ma rrispondiex. Il-perit qal li meta hu sar jaf kien kitiblu biex ma jkomplix. Dwar dan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ordna li jsiru l-verifikazzjonijiet ta' dak li ġara.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |